KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 354**

**Il-Hamis 19 ta' Marzu, 2018**

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, Is-Siġġiewi, fis-sebgħa ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dr Alessia Psaila Zammit –Sindku
Is-Sur Julian Borg – Vici Sindku
Dr Mark Anthony Vassallo - Kunsillier
Is-Sur Domenic Grech – Kunsillier
Is-Sin. Gillian Farrugia Pace – Kunsilliera

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
Is-Sur Nicholas Cassar – Kunsillier
Is-Sur Clayton Cutajar – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Keith Galea– Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Dr Alessia Psaila Zammit ppresidiet il-laqgħa.

**354.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

354.1.1 Inqraw l-ittri ta' apologija tas-Sur Clayton Cutajar u s-Sur Nicholas Cassar.

**354.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

354.2.1 Inqraw il-minuti tas-Seduta numru 353. Is-Sindku pproponiet li l-minuti tal-laqgħa numru 353 jkunu approvati bħala korretti. Il-Kunsillier Dominic Grech issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**354.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

354.3.1 Is-Sindku qalet li l-progett magna zmien ghaddej b'ritmu tajjeb. Hi qalet li qed isiu diskussjonijet ma dan il-grupp biex b'dak li ser jirnexxielhom isibu mis-Siggiewi, ikun jista jsir ktieb.

354.3.2 Is-Sindku tkellmet fuq l-isports day ghal-gimgha tal-festa. Hi qalet li qed tikkolabora maz-Zumba for lyfecyle biex issir attivita kongunta. Se ssir laqgha ma sports malta biex ikunu jistghu jinkisbu fondi ghal-dan il-ghan.

354.3.3 Is-Sindku tkellmet ukoll fuq il-fondazzjoni mwaqqfa wara Annabelle Vassallo. Hi qalet li kif kien maqbul il-kunsill ser ikun mitlub li jghin fl-ghazla tal-progetti li jistghu jitwetqu minn din il-fondazzjoni fis-Siggiewi.

353.3.4 Is-Sindku qalet li rceviet korrispondenza mid-Dipartiment ghax-xoghlijiet publici li fiha ntqal li Ghar Lapsi inghalaq b'mod temporanju sakhemm isiru r-rapporti neccessarji minn kumpaniji barranin fuq l-istruttura prezenti. Is-Sindku qalet li se tkun qed titlob laqgha biex ikun stabbilit ezatt dak li ser ikun qed jigri u taggorna lil kunsill.

**354.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

354.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet

**354.5 Diskussjoni dwar l-isfidi ta' Triq is-6 ta' Dicembru**

354.5.1 Saret Diskussjoni fuq l-isfidi li hemm fit-tqassim ta' parkegg fit-Tris. Sar qbil li ssir laqgha mar-residenti biex ikun diskuss f'aktar dettal l-isfidi bi sforz biex tinstab soluzzjoni.

**354.6 Ftehim mal-iskola primarja fuq l-uzu tal-pool.**

354.6.1 Is-sindku qalet li l-ftehim ta' kollaborazzjoni mal-iskola primarja fuq l-uzu

tal-pool kien ghalaq. Il-Kunsill qabel li jerga jsir ftehim bbazat fuq dak ta' qabel li joffi 1,000 Eur fis-sena ghal-5 snin ghal manutenzjoni tal-pool.

**354.7 Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

354.7.1 Is-segretarju Eżekuttiv ipprezenta rapport ta' applikazzjonijiet li waslu għand il-Kunsill Lokali.

**354.8 Rapport tal-korrispondenza**

354.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta rapport tal-korrispondenza li waslet għand il-Kunsill fil-perjodu ta' bejn Laqgħa u oħra tal-Kunsill.

**354.9 Diskussjoni u Approvazzjoni tal-verifiki tal-estimi finanzjarji ghas-sena 2017**

354.9.1 Is-Segretarju qal li ntemm il-process ta' verifika fuq l-estimi finanzjari u ressaq ir-rapport ghall-approvazzjoni tal-kunsill. Il-Kunsill Lokali tas-siggiewi ghalaq is-sena finanzjarja b'surplus.

**354.10 Approvazzjoni tar-rakkomandazzjoni tal-kumitat ta' evalwazzjoni dwar l-offerta ghal rikostruzzjoni ta' Hitan tas-sejjiegh.**

354.10.1 Is-Segretarju Informa lil Kunsill li l-Kumitat tal-evalwazzjoni ma ltaqax peress li fil-hin tal-gheluq tas-sejha ma kienx hemm offerti mitfuha.

**354.11 Kuntratt ghas-servizz ta' gbir ta' skart riciklabbli.**

354.11.1 Is-Sindku pproponiet li l-kuntratt jiggedded sa tmiem is-sena 2018. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**354.12 Hrug ta' offerta ghal manutenzjoni u tiswija ta' dwal.**

354.12.1 Is-Sindku qalet li l-Kunsilli lokali qed jinghataw ghazla biex jew jissiebhu f'kuntratt komuni ghall-manutenzjoni tad-dawl mar-regjun jew johorgu t-tender b'mod individwali. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li jinhareg tender ghal htigijiet tal-Kunsill Lokali Siggiewi biss.

**354.13 Rapport tal-ilmenti**

354.13.1 Is-Segretarju pprezenta r-rapport tal-korrispondenza li l-Kunsill irċeiva bejn l-Erbgha 18 ta' Marzu u l-Hamis 19 t'April.

**354.14 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa.**

354.14.1 Ma kienx hemm

**353.15 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

353.15.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-iskeda tal-pagamenti. Is-Sindku pproponiet li l-pagamenti jkunu approvati mill-Kunsill. Il-Kunsillier Dominic Grech issekonda u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

**353.16 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

353.16.1 Il-laqgħa intemmet fid-9.00p.m. u s-Sindku pproponiet li l-laqgħa li jmiss tal-Kunsill issir nhar it-Tnejn 21 ta' Mejju 2018 fil-5.30p.m. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

Konfermati, illum 21 ta' Mejju 2018.

Dr Alessia Psaila Zammit -Sindku

Keith Galea –Segretarju Eżekuttiv